MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 135/2011

**Awtorita' tad-Djar**

**vs**

**Anita Doris Savona [ID 461685(M)]**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

Illi l-Awtorita' tad-Djar tikri lill-intimat il-fond maghruf bhala Blokk C Appartament 1, Triq Alfier Dr Medran Tarxien veru l-kera ta' €937.50 (disa' mija u sebgha u tletin euro u hamsin centezmu) fis-sena. Dan l-ammont ikopri l-kera ta' l-appartament u s-sehem taghha ghas-servizzi ta' manutenzjoni, konsum ta' elettriku u linja tat-telefon necessarja ghall-servizzi tal-lift. U dan kollu skont ftehim datat 5 ta' Marzu, 2009 kopja annessa u mmarkata bhala Dok A .

Illi l-intimat tinsab moruza fil-hlas ta’ kera fl-ammont ta’ €1943.78 (elf u disgha mija u tlieta u erbghin euro u tmienja u sebghin centezmu) rapprezentanti skadenzi ta’ kera li saru dovuti ghall-perjodi indikati hawn taht :-

| | |
|---|---|
| 05/06/2009 – 04/06/2010 | €771.90 |
| 05/06/2010 – 04/06/2011 | €937.52 |
| 05/06/2011 – 04/09/2011 | €234.38 |

Illi l-iskadenza giet interpellata biex thallas dan l-ammont dovut pero’ baqghet inadempjenti. U dan skont dokumenti B, C u D.

Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett lil dana l-Bord joghgbu li previa kull dikjarazzjoni li tkun necessarja jordna u jikkundanna lill-intimat sabiex thallas lir-rikorrenti l-ammont ta’ €1943.78 (elf u disgha mija u tlieta u erbghin euro u tmienja u sebghin centezmu)

Bl-ispejjez inkluzi dawk mandat ta’ sekwestru prezentati kontestwalment u bl-interessi skond il-ligi li jibdew jiddekorru mid-data ta’ kull skadenza. L-intimat ingunt ghas-subizzjoni

Ra wkoll ir-risposta tal-intimati;

Illi minhabba ragunijiet ta’ mard fil-familja, l-esponenti ma kenitx f’posizzjoni li thallas dak dovut minnha.

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi kif jemergi mir-rikors promutur, l-Awtorita’ tad-Djar tikri lill-intimata l-fond kif deskritt bil-kera ta’ €937.50 fis-sena, liema ammont ikopri sia l-kera tal-appartament *de quo* kif ukoll s-sehem tal-intimata ghall-ispejjez tal-*lift*. L-intimata kien interpellata kemm il-darba permezz ta’ ittri sabiex thallas il-kera minnha dovuta izda baqghet moruza fil-hlas kif demostrat mid-dokumenti annessi. L-intimata stess, *ex*

*admissis*, tghid illi hija ma hallsitx il-kera dovuta minhabba spejjez kawza ta’ mard fil-familja taghha. Rapprezentanta tal-Awtorita’ tad-Djar kkonfermat il-kontenut tar-rikors promutur bil-gurament u spjegat ukoll illi hija inkarigata mis-sezzjoni legali tal-Awtorita u minkejja t-talbiet taghha, l-intimata qatt ma ghamlet kuntatt mal-Awtorita’;

L-intimata taqbel li ghandha taghti l-kera mitluba mill-Awtroita’ izda spjegat il-kawza ta’ mard ta’ wiehed minn uliedha li per konsegwenza ikollha thallas nofs l-ispejjez involuti ghall-kura tieghu bin-nofs l-iehor jithallsu mill-Gvern. Oltre dan l-intimata hija dizokkupata. Jidher illi s-sitwazzjoni aggravat ruhha ghaliex l-intimata qatt ma avvicinat lill-Awtorita’ biex tinfurmaha bic-cirkostanzi li tinsab fihom u sabiex taghmel arrangament ghal xi forma ta’ hlas ratejali;

Illi fis-seduta tal-4 ta’ Gunju 2012, l-intimata ammettiet it-talbiet tar-rikorrenti. Huwa minnu illi dan il-kaz jiddistingwi ruhu minn dawk fejn l-inkwilin ikun naqas li jhallas il-kera kapriccosament ghaliex dan huwa kaz verament pjetuz. Jibqa’ pero’ illi l-Bord m’ghandux triq ohra hlief li jilqa’ t-talba tar-rikorrenti sia ghaliex huma pruvati kif titlob il-ligi kif ukoll ghaliex huwa ammess mill-intimata. Dak li jista’ jaghmel il-Bord huwa biss li jissollecita kopassjoni mill-Awtorita’, aktar milli gia minnha versata, fl-esekuzzjoni ta’ din is-sentenza;

Ghal dawn il-motivi, l-Bord jilqa’ t-talba tar-rikorrenti u jordna lill-intimata thallas lir-rikorrenti l-ammont ta’ €937.50 (disa mija seba u tletin euro u hamsin centezmu). Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez kif elenkati mir-rikorrenti;

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------